# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 114/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tarcisju Mifsud**

**Il-Qorti:-**

1. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-kawża odjerna hija referenza illi saret lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni sabiex kwistjoni ta' natura Kostituzzjonali tiġi kkunsidrata u deċiża.

2. Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrat (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Novembru 2018, fil-proċeduri Kawża Numru 191/2013 '***Il-Pulizija vs Tarcisju Mifsud***' illi biha, wara li qieset talba tad-difiża tal-akkużat Tarcisio Mifsud sabiex issir referenza Kostituzzjonali, bagħtet l-atti lill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiġi deċiża dik il-kwistjoni hekk imqajjma.

3. Rat it-talba illi d-difiża kienet għamlet fit-12 ta' Novembru 2018, fejn ivverbalizzat is-segwenti:

*Dr Edward Gatt, għall-imputat jitlob referenza Kostituzzjonali u dan għaliex bl-aġir tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawża il-proċess mhux qed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u fi żmien raġonevoli u kif ukoll minħabba l-fatt li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi hu meta jiddikjara l-każ tiegħu magħluq quddiem Qorti Struttorja hi waħda illi qed titmexxa, f'dan il-każi b'mod abużiv u żgur b'mod illi l-akkużat mhux qed jingħata smigħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-proċess qed jitwal inutilment għaliex, minkejja li x-xhud Alfred Mallia ġia ddikjara għal aktar minn darba li hu ma jridx jixhed f'dan il-proċess, biex ma jinkriminax ruħu, il-Prosekutur, rinfaċċat b'tali dikjarazzjoni, qed jibqa' inutilment jinsisti għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud.*

4. Rat illi l-Avukat Ġenerali, fis-7 ta' Diċembru 2018, irribatta għal tali referenza billi qajjem is-segwenti eċċezzjonijiet:

*Illi mid-digriet tas-16 ta' Novembru 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża bin-numru 191/2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Paul Vassallo u Spettur Angelo Gafa) vs Tarcisju Mifsud" ma jirriżultax x'inhi tirreferi l-imsemmija Qorti u donnu l-Qorti għamlet tagħha, minkejja li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 tipprovdi mod ieħor, it-talba ta' Tarcisju Mifsud, fejn fisser il-kwistjoni Kostituzzjonali fis-sens li allegatament bl-aġir tal-prosekuzzjoni f'din il-kawża, il-proċess mhux qiegħed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u fi żmien raġjonevoli u kif ukoll minħabba l-fatt li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi hu meta jiddikjara l-każ tiegħu magħluq quddiem Qorti Struttorja hi waħda li titmexxa, f'dan il-każ b'mod abbużiv u żgur b'mod illi l-akkużat mhux qiegħed jingħata smigħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hu jgħid ukoll illi l-proċess qed jitwal inutilment għaliex minkejja li x-xhud Alfred Mallia ġia ddikjara għal aktar minn darba illi huwa ma jridx jixhed f'dan il-proċess, biex ma jinkriminax ruħu, il-Prosekutur rinfaċċat b'tali dikjarazzjoni qed jibqa' inutilment jinsisti għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud. Fiċ-ċirkostanzi, in vista tal-mod li saret ir-referenza u ċioe' mhux skond dak provdut fir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, l-esponent qiegħed jirriżerva illi jirrispondi ulterjorment jekk din il-Qorti tiddeċiedi li tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex tikkjarifika eżattament x'qiegħda tirreferi fit-termini ta' dak indikat fir-regolament imsemmi;*

1. *Illi in linea preliminari, ma jirriżultax mir-referenza illi qed jiġi nvokat xi artikolu partikolari tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant ċertament illi din l-Onorabbli Qorti ma tista' ssib ksur tal-ebda artikolu tal-*

*Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti li fil-każ odjern ma jeżisti ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif sanċiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

3. *Illi jibda biex jiġi kjarifikat mill-esponenti li minkejja li fi proċeduri ta' struttorja huwa l-Avukat Ġenerali li jiddikjara li l-provi huma magħluqin madanakollu fil-każ odjern diġa' ħarġu l-artikoli bil-konsegwenza li l-Qorti tal-Maġistrati qed tisma' l-proċedura bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li għalhekk l-Avukat Ġenerali mhuwiex involut quddiem dik il-Qorti iżda l-proskeuzzjoni trid titmexxa esklussivament mill-Pulizija u sta għaliha mingħajr ebda involviment tal-Avukat Ġenerali li tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Semmai l-Avukat Ġenerali jidħol biss fi stadju t'appell wara li jiġu konklużi u deċiżi l-akkużi in konfront tal-parti li provokat ir-riferenza mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

4. *Illi fir-rigward ta' jekk il-proċess fil-konfront tal-persuna li nvokat ir-referenza hux qed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u raġjonevoli, l-esponent jissottometti illi din l-azzjoni hija intempestiva u dan peress illi l-proċeduri kriminali għadhom pendenti. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-26 April 2013 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud fejn osservat illi "Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, għalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi proċesswali appena elenkati, fost oħrajn, li jistgħu jitqiegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tiegħu għal riferenza lil din il-Qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li għalhekk hi għal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti".*

5. *L-esponent jeċepixxi wkoll illi sa issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali. Illi f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati in vacuo;*

6. *Illi in kwantu r-referenza kostituzzjonali qiegħda ssir b'referenza għall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent jissottometti illi l-iskop tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma ntiżi li jassiguraw li matul il-proċess ġudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun ingħatat smigħ ġust fejn kellha l-garanziji kollha naxxenti mid-dritt sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċioe' opportunita' xierqa illi tipparteċipa b'mod effettiv fil-proċeduri, tkun assistita, tressaq xhieda u tagħmel sottomissjonijiet. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma artikoli li jitrattaw il-proċedura li tkun ġiet użata sabiex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha fl-intier tagħha u dan sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm leżjoni tal-msemmija drittijiet fundamentali o meno. L-esponent jirrileva illi fil-każ odjern ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza ta' proċess ġust.*

7. *L-esponent jeċepixxi wkoll illi sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk hemmx leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem wieħed irid jeżamina l-proċeduri fit-totalita' tagħhom u huwa erronju li wieħed jieħu episodju partikolari u jisħaq fuqu mingħajr ma jara t-totalita' tal-proċeduri.*

8. *Illi l-esponent jeċepixxi wkoll illi għalkemm kawża tkun damet numru ta' snin biex biex tiġi deċiża ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat jew dewmien attribwibbli lill-Istat. Hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Illi huwa aċċettat ukoll li ma hemm ebda time limit li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għaliex inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta. Illi propju fil-każ tal-llum id-dewmien ma jistax jitqies li huwa wieħed kappriċċjuż jew irraġjonevoli iżda huwa dovut minħabba n-natura u l-komplessita' tal-proċeduri in kwistjoni u l-fatt li kien hemm numru ta' persuni li kellhom jitilgħu jixhdu f'dan il-każ. Fil-fatt jekk wieħed jifli l-verbali tas-seduti li qed jinżammu, wieħed isib li s-seduti inżammu b'mod regolari fejn ittellgħu diversi xhieda biex jiddeponu. Għalhekk ċertament li mhuwiex il-każ li fil-proċeduri kriminali kien hemm xi telf ta' żmien;*

9. *Illi ċertament sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tal-parti li pprovokat ir-referenza, jinkombi fuq l-istess parti li pprovokat ir-referenza illi tipprova illi mhux biss il-każ tiegħu qed idum pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed*

*kappriċċjuż u ntiż biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi;*

10. *Illi inoltre, l-lanjanza kostituzzjonali odjerna kif imqanqla permezz ta' talba għall-referenza ċertament li mhux qed jgħinu biex il-proċeduri jiġu konklużi. Allura l-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qiegħed jiġi kkaġunat mill-istess parti li pprovokat ir-referenza;*

11. *Illi l-parti li provokat ir-referenza ma tistax tasal għall-konklużjoni li huwa mhuwiex ser ikollu smigħ xieraq minħabba li l-esponent qiegħed jinsisti li tinstema' x-xhieda ta' Alfred Mallia. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura l-parti li pprovokat ir-referenza tgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha u l-parti li pprovokat ir-referenza għandha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċepixxi illi l-insistenza tal-Pulizija għal produzzjoni tax-xhud Alfred Mallia hija ġustifikata u dan peress illi hija xhieda kruċjali u importanti biex jiġi pruvat il-każ tal-prosekuzzjoni. Fuq dan il-punt din il-Qorti diversament preseduta ingħatat l-opportunita' li tinvesti f'dan il-punt fejn iddeċidiet li ma hemm ebda leżjoni tad-dritt għall-smigħ xieraq fejn proċeduri jistennew l-għeluq ta' proċeduri kriminali oħra qabel jiġu deċiżi;*

13. *Illi jsegwi għalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali.*

14. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

15. *Bl-ispejjeż.*

5. Rat illi dina l-Qorti, kif ppresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-3 ta' Lulju 2019.

6. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti ġiet infurmata illi miet Alfred Mallia, li kien wieħed mix-xhieda illi kienu qed jinsistu għalih il-prosekuzzjoni u li, minħabba fil-fatt li ma kienx ried jixhed sabiex ma jinkriminax ruħu la darba kien hemm proċeduri fil-konfront tiegħu wkoll, l-istess prosekuzzjoni kienet qiegħda toġġezzjona li tagħlaq il-provi tagħha, u li minħabba f'hekk saret ir-referenza Kostituzzjonali.

7. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti stiednet lill-Avukat Ġenerali jgħarraf lill-Qorti dwar il-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni in vista ta' tali żvilupp.

8. Rat illi fl-20 ta’ Novembru 2019 deher l-Uffiċjal Prosekutur Spettur Rennie Stivala illi għarraf lill-Qorti illi għadhom qed jiddiskutu l-posizzjoni tal-prosekuzzjoni mal-Avukat Ġenerali.

9. Rat illi fl-10 ta’ Diċembru 2019, l-Avukat Ġenerali għarraf lill-Qorti illi kellhom bżonn aktar ħin sabiex jagħmlu l-verifiki tagħhom.

10. Rat illi fis-6 ta’ Frar 2020, deher l-Uffiċjal Prosekutur Rennie Stivala illi għarraf lill-Qorti illi l-prosekuzzjoni ma kinetx f’posizzjoni illi tagħlaq il-provi tagħha.

11. Rat illi minħabba fil-pandemija tal-Covid-19, is-seduti tal-24 ta’ Marzu 2020 u tat-28 ta’ Mejju 2020 ma setgħux jinżammu.

12. Semgħet ix-xhieda ta’ Tarcisio Mifsud mogħtija fit-3 ta’ Lulju 2020.

13. Rat illi fis-6 ta’ Ottubru 2020, il-konsulent legali tar-referent Tarcisio Mifsud għarraf lill-Qorti illi, salv l-atti tal-kumpilazzjoni illi jinsabu ġia a disposizzjoni tal-Qorti, huwa ma għandux aktar provi x’jippreżenta.

14. Rat illi fil-25 ta’ Novembru 2020, l-Ispettur Rennie Stivala, debitament imħarrek mill-Avukat Ġenerali sabiex jixhed, ma deherx.

15. Rat illi fit-12 ta’ Frar 2021, l-Ispettur Rennie Stivala, debitament imħarrek għal darba oħra mill-Avukat Ġenerali sabiex jixhed, reġa’ ma deherx.

16. Rat illi fit-12 ta’ Frar 2021 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluqa u differiet il-kawża għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

17. Rat is-sottomissjonijiet ta’ Tarcisio Mifsud illi daħlu fis-17 ta’ Marzu 2021.

18. Rat is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali illi daħlu fl-1 ta’ Ġunju 2021.

19. Rat illi fit-3 ta’ Ġunju 2021 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

## Provi

20. Jirriżulta, mill-atti tal-proċeduri fl-ismijiet ‘***Il-Pulizija vs Tarcisio Mifsud***”, Każ Nru 191/2013, u provi oħra prodotti, illi fis-26 ta’ Frar 2013, Tarcisio Mifsud kien tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, b’akkużi relatati ma’ korruzzjoni u abbuż bħala uffiċjal u impjegat pubbliku li allegatament seħħew bejn is-snin 1998 u 2003.

21. Jirriżulta illi bejn is-26 ta’ Frar 2013 u l-11 ta’ Novembru 2015, saru sebgħa u għoxrin (27) seduta fejn fi tnax-il seduta (12) instemgħu sebgħa u għoxrin (27) xhud filwaqt illi fi ħmistax-il seduta (15), ma nstemgħu ebda xhieda.

22. Jirriżulta illi s-seduti saru kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *1)* | 7 ta' Marzu 2013 | - | instema' xhud (1) wieħed |
| *2)* | 21 ta' Marzu 2013 | - | instemgħu erbgħa (4) xhieda |
| *3)* | 29 ta' April 2013 | - | instemgħu sebgħa (7) xhieda |
| *4)* | 18 ta' Lulju 2013 | - | instema' xhud (1) wieħed |
| *5)* | 29 ta' Awissu 2013 | - | ma instema' ħadd |
| *6)* | 10 ta' Ottubru 2013 | - | ma instema' ħadd |
| *7)* | 17 ta' Ottubru 2013 | - | ma instema' ħadd |
| *8)* | 28 ta' Novembru 2013 | - | ma instema' ħadd |
| *9)* | 9 ta' Jannar 2014 | - | instemgħu erbgħa (4) xhieda |
| *10)* | 20 ta' Frar 2014 | - | instema' xhud (1) wieħed |
| *11)* | 3 ta' April 2014 | - | instemgħu żewġ (2) xhieda |
| *12)* | 12 ta' Mejju 2014 | - | ma instema' ħadd |
| *13)* | 23 ta' Ġunju 2014 | - | instemgħu żewġ (2) xhieda |
| *14)* | 4 ta' Awissu 2014 | - | ma instema' ħadd |
| *15)* | 15 ta' Settembru 2014 | - | instema' xhud (1) wieħed |
| *16)* | 27 ta' Ottubru 2014 | - | instemgħu tlett (3) xhieda |
| *17)* | 1 ta' Diċembru 2014 | - | ma instema' ħadd |
| *18)* | 12 ta' Jannar 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *19)* | 23 ta' Frar 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *20)* | 2 ta' Marzu 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *21)* | 13 ta' April 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *22)* | 12 ta' Mejju 2015 | - | instema' xhud (1) wieħed |
| *23)* | 1 ta' Ġunju 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *24)* | 8 ta' Ġunju 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *25)* | 20 ta' Lulju 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *26)* | 21 ta' Awissu 2015 | - | ma instema' ħadd |
| *27)* | 12 ta' Ottubru 2015 | - | instema' xhud (1) wieħed |

23. Jirriżulta illi fit-12 ta' Ottubru 2015, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhom ebda Membru tal-Pulizija ieħor xi jtellgħu bħala xhieda (fol 2408).

24. Jirriżulta illi fil-11 ta' Novembru 2015, l-Avukat Ġenerali, a tenur tal-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat l-atti lura sabiex Tarcisio Mifsud jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ossija inħarġu l-akkużi kontra tiegħu.

25. Jirriżulta, madanakollu, illi tali Att ta' Akkuża datata 11 ta' Novembru 2015, kien soġġett għal kundizzjoni imposta mill-Avukat Ġenerali fejn iddikjara dan li ġej:

> *Jibgħat lura ma' dan l-Att lil din il-Qorti l-Atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm maħsub fl-Artikolu 370(3)(b) u (c) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet, jew f'każ ta' oġġezzjoni, tipproċedi skond l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali,* ***b'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skond kif provvdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-imsemmi Kodiċi:***

a) ***Fi stadju opportun tisma' lil Alfred Mallia u Tancred Tabone dwar il-każ;***

b) ***Tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li jogħġobha tressaq il-Pulizija f'dan il-każ;***

26. Jirriżulta illi riżultat ta' tali kondizzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet obbligata tottempera ruħha ma' dak lilha ordnat mill-Avukat Ġenerali.

27. Jirriżulta illi bejn it-23 ta' Novembru 2015 u t-12 ta' Novembru 2018 meta saret ir-referenza Kostituzzjonali odjerna, saru erbgħatax-il seduta (14) ossija s-segwenti

*1)* 23 ta' Novembru 2015
*2)* 7 ta' Diċembru 2015
*3)* 18 ta' Jannar 2016
*4)* 18 ta' April 2016
*5)* 11 ta' Lulju 2016
*6)* 5 ta' Diċembru 2016
*7)* 27 ta' Marzu 2017
*8)* 26 ta' Ġunju 2017
*9)* 22 ta' Novembru 2017
*10)* 8 ta' Jannar 2018
*11)* 9 ta' April 2018
*12)* 21 ta' Mejju 2018
*13)* 4 ta' Ottubru 2018
*14)* 12 ta' Novembru 2018.

28. Jirriżulta illi f'dawn l-erbgħatax is-seduta, fis-seduta illi saret fil-11 ta' Lulju 2016, ossija wara erbgħa seduti fejn ma ġara assolutament xejn, ġie verbalizzat illi "*L-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li kull m'għad fadallu bħala xhieda f'dawn il-proċeduri huma lil Frank Sammut, Tancred Tabone u Alfred Mallia.*"

29. Jirriżulta illi fil-5 ta' Diċembru 2016, xehed Tancred Tabone illi għarraf lill-Qorti li ma xtaqx jixhed in vista ta' proċeduri kriminali pendenti kontrih, filwaqt illi fis-26 ta' Ġunju 2017, xehdu Frank Sammut u Alfred Mallia li għarrfu wkoll lill-Qorti li ma xtaqux jixhdu in vista ta' proċeduri kriminali pendenti kontrihom.

30. Jirriżulta illi fis-seduti kollha l-oħra, l-prosekuzzjoni ma tellgħu ebda provi oħra filwaqt illi qatt ma ddikjaraw illi għalqu l-provi tagħhom.

31. Jirriżulta illi fis-26 ta' Ġunju 2017, il-konsulenti legali ta' Tarcisio Mifsud oġġezzjonaw għad-dewmien fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

32. Jirriżulta illi wara ħames seduti fejn, għal darba oħra, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova, fl-4 ta' Ottubru 2018 il-konsulenti legali ta' Tarcisio Mifsud talbu sabiex jiġi dikjarat illi l-provi tal-Prosekuzzjoni huma magħluqa peress illi d-drittijiet fundamentali tiegħu qed jiġu leżi.

33. Jirriżulta illi fit-12 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet ir-referenza Kostituzzjonali odjerna.

34. Jirriżulta illi, fil-proċeduri odjerni quddiem dina l-Qorti, fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi Alfred Mallia, wieħed mit-tlett xhieda li kienu qed jinsistu għalih il-Prosekuzzjoni, kien miet, u għalhekk il-Qorti talbet lill-Avukat Ġenerali jgħarraf lill-Qorti dwar il-posizzjoni tagħhom fil-proċeduri kriminali kontra Tarcisio Mifsud.

35. Jirriżulta illi, wara tlett seduti, fis-6 ta' Frar 2020, l-Avukat Ġenerali għarraf lill-Qorti illi l-Prosekuzzjoni ma kinetx f'posizzjoni illi tagħlaq il-provi tagħha fil-proċeduri kriminali kontra Tarcisio Mifsud.

36. Jirriżulta illi Tarcisio Mifsud, fit-3 ta' Lulju 2020 xehed u ppreżenta dikjarazzjoni minnu redatta, liema dikjarazzjoni eventwalment giet minnu rtirata in vista tat-talba ta' sfilz illi għamel l-Avukat Ġenerali.

37. Jirriżulta illi l-Uffiċjal Prosekutur Rennie Stivala, għalkemm imħarrek darbtejn mill-Avukat Ġenerali sabiex jixhed quddiem dina l-Qorti, naqas milli jidher biex jixhed, u in vista ta' tali nuqqas ripetut, il-Qorti ddikjarat il-provi intimati bħala magħluqa.

38. Jirriżulta ċar, kemm mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-proċeduri quddiem dina l-Qorti, illi l-Prosekuzzjoni ma tidhirx illi hija f'posizzjoni illi tressaq aktar xhieda għall-każ tagħha, u tali posizzjoni ilha hekk sa mill-11 ta' Novembru 2015 meta nħarġet l-Att ta' Akkuża fil-konfront ta' Tarcisio Mifsud, fejn minn dak inhar 'l hawn, kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll quddiem dina l-Qorti, kif komposta, l-prosekuzzjoni ma għamlet xejn għajr illi tawwlet il-kawża inutilment, presumibbilment bit-tama illi l-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Tancred Tabone, Frank Sammut u Alfred Mallia jintemmu sabiex ikunu jistgħu jixhdu kontra Tarcisio Mifsud.

## Ikkunsidrat

39. Jirriżulta illi l-lanjanza quddiem dina l-Qorti hija illi Tarcisio Mifsud ma huwiex qiegħed jingħata smigħ xieraq.

40. Jirriżulta illi sfortunatament il-parti li talbet li ssir ir-referenza Kostituzzjonali lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali naqset milli tidentifika fiċ-ċar l-artikoli tal-Liġi li dwarhom huma qed jitolbu l-ksur u naqsu milli jindikaw x'rimedji riedu li dina l-Qorti tagħti.

41. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet, partikolarment dawk tar-referent Tarcisio Mifsud, saret referenza għall-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fil-kawża '***Francis Portelli et vs Avukat Ġenerali***, u deċiża fil-Prim' Istanza mill-Prim' Awla fil-15 ta' Lulju 2019 u mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, fejn Mifsud jindika r-rimedji hemm mogħtija u "*jikkontendi li l-każ odjern huwa simili għas-segwenti każijiet ġia deċiżi minn dawna l-Qrati fuq dana l-punt*" (fol 59).

42. Jirriżulta illi l-ilment odjern għandu somiljanza kbira għall-ilment illi kienu ressqu Francis Portelli u Anthony Cassar kontra l-Avukat Ġenerali fejn, f'każ li jirrigwarda l-istess akkużi bħal dawk kontra Tarcisio Mifsud, Portelli u Cassar kienu qed jilmentaw dwar id-dewmien esaġerat tal-proċeduri in vista tal-fatt illi Ittri Rogatorji kienu baqgħu pendenti.

43. Jirriżulta illi tali lment ġie deċiż a favur ta' Portelli u Cassar, kemm fil-Prim' Istanza kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, u għalhekk huwa loġiku illi dina l-Qorti tagħmel referenza ampja għar-raġunament erudit mogħtija minn dawna l-Qrati, peress illi huma applikabbli għall-proċeduri odjerni wkoll.

44. Il-Qorti qiegħda tagħmel tali osservazzjoni, peress illi jirriżulta ċar mill-assjem tal-fatti kif imressqa mir-referent Tarcisio Mifsud, illi l-ilmenti tiegħu huma msejsa fuq vjolazzjoni tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

**Ikkunsidrat**

45. Jirriżulta illi l-Artikoli fuq imsemmija jipprovdu dan li ġej:

L-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni jgħid :-

*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b`ligi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi Ċivili għandha tkun indipendenti w imparzjali ; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien ragonevoli.*

L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jgħid :-

*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet Ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku żmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f`soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun*

*rigorożament meħtieġ il-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

46. Dwar ġurisprudenza fuq tali artikoli, il-Prim' Awla fil-kawża fuq imsemmija kellha dan xi tgħid:

*Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Diċembru 2015 fil-kawża "Zakkarija Calleja v. Avukat Ġenerali" fejn ingħad hekk :–*

*"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Ġenerali (3 ta` Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi :*

> *"B`mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smigħ f`xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proċeduri, u b`mod partikolari :*
>
> *1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni,*
> *2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża,*
> *3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess.*

*Fil-kawża Francis Theuma vs Avukat Ġenerali (27 ta` Ġunju 2003) intqal inoltre illi :*

> *"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jiġi applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b`mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli". ...*

*F`dan l-isfond għalhekk wieħed irid iqis il-fatturi kollha u ċ-ċirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-raġonevolezza o meno tad-dewmien lamentat."*

*L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi :*

> *"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot*

> *be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Said vs Avukat Ġenerali (11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*

> *"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kinux".*

*Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Novembru 2017 fil-kawża "Gordi Felice vs Avukat Ġenerali" fejn ingħad hekk :-*

> *Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta` sottomissjonijiet tiegħu in Prim' Istanza jgħid li l-ġuri ta` William Agius u kwindi tar-rikorrent għadhom ma ġewx appuntati għaliex ż-żewġ akkużati intavolaw kawża kostituzzjonali kull wieħed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proċeduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn għadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li proċess kriminali qiegħed jiġi differit indefinittivament minħabba l-pendenza ta` kawża kostituzzjonali li tittratta appuntu l-kwistjoni ta` dewmien eċċessiv mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-istess proċess kriminali. F`kull każ, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bħala ġustifikazzjoni għal dewmien komplessiv ta` kważi tlettax-il sena fis-smigħ ta` proċess kriminali li mhux talli sal-lum għadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess proċess ser jibqa` "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proċeduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f`karenza manifesta ta` ċertezza dwar meta sejra tiġi appuntata u mismugħa, aħseb u ara deċiża, il-kawża kriminali. Ma` dan għandha tiżdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm ħjiel dwar id-data meta ser tiġi appuntata għas-smigħ il-kawża kontra l-imsemmi William Agius.*
>
> *45. Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduċi provi sabiex jiġġustifika d-dewmien fil-proċeduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kważi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b`reati taħt tal-Kapitolu 31, għadu qed jistenna li l-każ tiegħu jiġi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id-dewmien ma jistax*

*ma jiġix meqjus bħala esaġerat, mhux raġjonevoli u li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f`soċjeta` demokratika, u bħala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu jiġu determinati fi żmien raġjonevoli.*

*46. F`ħajja ta` bniedem tlettax-il sena huma żmien twil u, f`dan il-każ tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta` inċertezza fl-aħjar snin taż-żgħożija fejn wieħed huwa mistenni jkollu l-aħjar opportunitajiet jibni l-pedamenti tal-ħajja familjari u lavorattiva tiegħu. Fil-każ tar-rikorrent iżda, dawn is-snin kollha għaddiehom tiela` u nieżel il-Qorti għas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tiegħu għaliex għadu ma jafx x`ser isir minnu meta finalment jinqata` l-każ tiegħu wara dan iż-żmien kollu.*

*47. Jiġi ribadit illi din il-leżjoni hija in parti dovuta wkoll għall-għażla ossia aġir tal-intimat li, meta ddeċieda li l-kawża kontra r-rikorrent ma tiġix appuntata u ma tiġix determinata qabel l-ewwel tiġi appuntata u determinata l-kawża kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proċeduri kontra r-rikorrent li kienu diġa` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-deċiżjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpinġix fuq il-garanziji tad-dritt għal smigħ xieraq, ittieħdet għall-aħjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u ċertament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proċeduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi aġir li jirrispetta l-garanziji ta` smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigħ xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal għal dewmien mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkużat*

47. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tagħmel referenza wkoll għall-ħsibijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawża u fuq dana il-punt, fejn kellha dan xi tgħid dwar d-dewmien tal-proċeduri:

*Illi l-prosekuzzjoni li f'kumpilazzjoni trid tressaq il-provi. Il-Qorti fehmet li l-każ ta' Sammut ilu pendenti daqskemm ilu pendenti dak tar-rikorrenti, u fir-rigward ta' dak il-każ ma tressqux provi dwar il-mod kif inġabru l-provi matul is-snin. Hu l-appellant li għandu l-oneru li bi provi jikkonvinċi lill-Qorti li għamel dak li jista' biex il-proċeduri kriminali ma jitwalux bla bżonn. <u>F'kull każ lanqas m'għandu jkun li persuna tiġi akkużata fil-Qorti u tispiċċa tagħmel snin twal bi proċeduri kriminali kontriha, tiela' u nieżla għas-seduti mingħajr ma jkollha l-ebda ħjiel meta xi darba ser jispiċċaw u jkollha ċertezza. Is-sitwazzjoni f'każijiet ta' kumpilazzjoni hi tali li l-imputat ħafna drabi jispiċċa at the mercy tal-</u>*

*Avukat Ġenerali, għaliex hu jiddeċiedi meta m'għandux jibqa' jirrinvija l-atti lill-Qorti għall-ġbir ta' iktar provi. Rinviji li kontinwament ikun ukoll fihom talba biex jerġgħu jinstemgħu provi li jkunu diġa` instemgħu. Sfortunatament il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja m'għandhiex l-awtorita` u l-mezzi sabiex twaqqaf dak is-system of conduct min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Kondotta li qiegħda kemm-il darba twassal għal dewmien bla bżonn ta' proċeduri kriminali.*

*21. F'paragrafu 34 tar-rikors tal-appell l-appellant għamel referenza għall-każ Boddaert v. Belgium tat-12 ta' Ottubru 1992 li dwaru qal:-*

> *"ġie deċiż li l-Istat Belġjan ma jistax jinstab li kiser il-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għaliex il-prosekuzzjoni ma setgħetx tagħlaq il-każ kontra Boddaert qabel jingħalaq il-każ kriminali li kien hemm pendenti kontra ħaddieħor li ried jiġi prodott bħala xhud kontra tiegħu".*

*22. Fis-sentenza l-QEDB qalet li l-perjodu rilevanti kien bejn id-19 ta' Lulju 1980, meta inħareġ mandat għall-arrest ta' Boddaert, u t-22 ta' Ottubru 1986, meta l-Qorti tal-Kassazzjoni tat is-sentenza. Perjodu li matulu kien hemm 39 xahar (2 ta' Ġunju 1982 u l-10 ta' Mejju 1985) li fihom l-attur ma kienx akkużat f'Qorti u dwar liema perjodu ilmenta li l-investigazzjoni li kien qiegħed imexxi l-Imħallef tal-investigazzjoni ma kien qiegħed isir xejn fiha.*

*23. Fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi huma ferm differenti għaliex l-atturi tressqu l-Qorti fil-21 ta' Frar 2013 u seba' snin wara l-Prosekuzzjoni għadha m'għalqitx il-provi u preżentement ħadd m'għandu ħjiel meta dan il-każ ser ikun jista' jitkompla jekk is-sitwazzjoni tibqa' dik li hi llum. Hu fatt li jeżisti l-prinċipju tal-'proper administration of justice' iżda f'dan il-każ mhuwiex jintlaħaq bilanċ mal-jedd tal-appellati li l-kawża tagħhom tkompli tieħu l-kors tagħha mingħajr iktar telf ta' żmien, bl-inċertezza kollha li din Rik. Kost. 103/18 18 is-sitwazzjoni qiegħda ġġib fuq l-imputati. Il-provi jitressqu mill-Prosekuzzjoni. Ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda kontroll dwar dak li qiegħed jiġri f'dan l-istadju tal-proċeduri meta jsiru rinviji ripetutament. Inoltre, l-appellant ma ressaq l-ebda provi li jista' jiġġustifika d-dewmien li qiegħed ukoll jiġi reġistrat fil-każ ta' Sammut.*

*24. Hu faċli għall-Prosekuzzjoni li targumenta li peress li Frank Sammut hu xhud essenzjali għall-każ tagħha, din il-kawża għandha tibqa' sospiża sakemm Sammut ikun f'posizzjoni li jixhed. Pero` meta mhux magħruf. Dawn huma affarijiet li l-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali kellhom iqisu matul dawn is-seba' snin li ilu pendenti dan il-każ u kellhom jipproċedu b'iktar diliġenza. ....*

*25. Perjodu ta' seba' (7) snin huma ħafna f'ħajja ta' bniedem, li matulhom l-akkużat irid u ma jridx isib ruħu fi stat ta' inċertezza. Perjodu li matulu r-rikorrenti kellhom u għadhom bil-ġid tagħhom 'iffriżati' skond l-Att Kontra l-Money Laundering (Kap. 373). Wieħed biżżejjed jara l-atti biex jinduna kif għal kull pass, ir-rikorrenti jridu jitolbu l-awtorizazzjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal per eżempju rikors li ppreżenta Francis Portelli fit-12 ta' Diċembru 2014 kif ukoll rikors li ppreżenta Anthony Cassar fid-9 ta' Ottubru 2017. F'dak ir-rikors, Cassar kellu jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex kumpannija tal-insurance tħallas żewġ claims relatati ma' polza tas-saħħa. Dawk l-atti fihom infushom huma prova ta' dak li jkollhom jgħaddu minnu r-rikorrenti diment li jibqgħu pendenti l-proċeduri kriminali.*

*26. Dan ir-raġunament japplika iktar u iktar fejn l-akkużati, kif inhu l-każ in eżami, ikunu persuni avvanzati fl-eta`. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti jissemma kif s'issa kien hemm tnejn u ħamsin (52) seduta u li fihom fi tletin (30) seduta minnhom ma sar xejn. Numri li flimkien mas-seba' snin li l-każ ilu pendenti, huma l-aqwa ċertifikat kontra r-raġunament tal-Avukat Ġenerali. M'hemmx dubju li hu fl-interess pubbliku li min hu ħati ta' reat iwieġeb għalih. Pero` seba' snin u għadhom lanqas bdew jinstemgħu l-provi tad-difiża u m'hemm l-ebda indikazzjoni meta l-proċeduri ser jiġu fit-tmiem tagħhom, hu perjodu inaċċettabbli.*

## Ikkunsidrat

48. Jirriżulta ben ċar, mill-assjem tal-provi, illi filwaqt li l-kawża kriminali kontra Tarcisio Mifsud hija waħda serja ħafna u tirrigwarda akkużi li jistgħu jkollhom implikazzjoni serji ħafna, kemm fuq Mifsud stess kif ukoll fuq il-perċezzjoni pubblika żviluppata tul iż-żminijiet dwar l-entita' u serjeta' tal-każ hekk imsejjaħ '*Skandlu taż-Żejt'*, dana ma jfissirx illi persuna għandha tiġi żvestita mid-dritt illi tingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

49. Hawnhekk, il-Qorti ser tagħmel tagħha r-raġunament magħmul mill-Prim' Awla fil-kawża fuq imsemmija fejn, dwar id-dewmien, għamlet tali konklużjonijiet:

*In-nuqqas ewlieni tal-intimat kien kostitwit mill-fatt li, għalkemm si trattava ta` 'a high profile prosecution', għal raġunijiet bil-wisq ovvji, il-prosekuzzjoni, għalkemm jidher li bdiet tirranka tajjeb, aktar ma bdew jgħaddu x-xhur u s-snin, aktar bdiet taqa` lura f`dak li wieħed jistenna minnha f`każi daqstant sensittivi u delikati.*

*Il-prinċipju għandu jkun li 'the rule of law' tgħodd għal kulħadd l-istess.*

*Daqstant ieħor huwa basilari l-prinċipju li l-proċess ġudizzjarju, speċjalment dak penali, fejn favur l-akkużat treġi l-presunzjoni tal-*

*innoċenza, għandu jitmexxa dejjem skont il-liġi, iżda bil-ħeffa li tkun dettata mill-fattispeċi ta` kull każ.*

*Meta mbagħad ikollok każi, bħal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkużati jkun, minn żmien għal żmien, taħt il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`soċjeta` demokratika, bħhal ma hija tagħna, l-opinjoni pubblika għandha vuċi qawwija, hemm il-proċess ġudizzjarju għandu jilħaq il-milja tiegħu.*

*Din il-Qorti tisħaq illi fil-każ tal-lum seħħ dewmien inġustifikat mhux raġjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, liema dewmien m`għandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkużati jew lill-Qorti.*

50. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fuq medda ta' sebgħa u għoxrin seduta illi saru fuq perjodu ta' ftit anqas minn tlett snin qabel ma ħarġu l-Att tal-Akkuża fil-konfront ta' Mifsud, f'aktar minn nofs tali seduti, ossija **ħmistax-il seduta (15), ma sar assolutament xejn**.

51. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ulterjorment illi, anke wara illi inħarġet l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali ma ppermettiex lill-Qorti illi tipproċedi bil-kawża bi speditezza, kif huwa opportun f'każijiet ta' tali portata, iżda rabtet idejn il-Qorti tal-Maġistrati, li qabel ma jingħalqu l-provi prosekuzzjoni, kellhom jinstemgħu xhieda ta' persuni akkużati b'reati konnessi intrisikament mal-każ ta' Mifsud, bir-riżultat illi fuq medda ta' tlett snin, saru **erbatax-il seduta (14) fejn ma ġara assolutament xejn**.

52. Għalhekk, jidher ċar illi fil-proċeduri kontra Tarcisio Mifsud, fuq medda ta' sitt snin, saru b'kollox wieħed u erbgħin seduta (41), fejn f'aktar minn żewġ terzi tas-seduti, ossija **disgħa u għoxrin seduta (29), MA INĠIEBU EBDA PROVI!** – tali dewmien ċertament ma jistax jiġi imputat lill-Qorti illi ċertament għamlet l-għalmu tagħha sabiex tagħmel seduti b'mod regolari, iżda huwa nuqqas imputabbli unikament lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lill Avukat Ġenerali illi rabat idejn il-Qorti tal-Maġistrati li kellha ta' bilfors tisma' x-xhieda indikati mill-Pulizija.

53. Tali aġir huwa ċar illi qiegħed jilliedi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud illi, fl-eta avvanzata tiegħu, għandu dritt illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu jiġu deċiżi fi żmien raġjonevoli – jiġi rilevat illi ġia miet wieħed mill-erbgħa 'ko-akkużati', ossija Alfred Mallia, f'tali perjodu ta' stennija – x'qed jistennew il-prosekuzzjoni ... illi jmutu x-xhieda l-oħra kollha, inkluż Tarcisio Mifsud?

54. Għalhekk, jirriżulta ċar illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud qiegħed jiġi leż bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali illi ma jiddikjarax magħluq l-istadju tal-provi tiegħu, u għalhekk il-Qorti jenħtieġ illi tagħti rimedju.

**Rimedju**

55. Il-Qorti tosserva illi fil-każ fuq imsemmi ta' Portelli u Cassar, il-Prim' Awla għaddiet biex tat rimedju illi ġie sekondat u aċċetat mill-Qorti Kostituzzjonali, u dana kien li ġej:

    *Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-mod kif svolġew il-fatti, ir-rimedju l-aktar indikat huwa li tipprefiġġi terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha li fadal fil-proċediment kriminali pendenti kontra r-rikorrenti, u l-intimat jirrinvija għall-ġudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Rimedju ta` din ix-xorta jassikura l-bilanċ ta` drittijiet u obbligi fil-proċess kriminali, b`mod u manjiera li fil-konkret id-dewmien ma jkomplix jikkaġuna leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.*

56. Din il-Qorti jidhrilha illi, fl-aħjar interess tal-ġustizzja, filwaqt illi ma għandhiex tipprekludi lill-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali jressqu l-provi tagħhom sabiex jippruvaw il-każ tagħhom kif għandhom obbligu jagħmlu, tqis ukoll illi dana għandu jsir f'terminu fiss u perentorju, wara liema trapass ta' żmien, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tipproċedi biex tiddikjara l-istadju tal-provi prosekuzzjoni magħluqa u għandha tgħaddi biex tisma' x-xhieda prodotti mill-akkużat Tarcisio Mifsud, jekk jidhirlu opportun illi jressaq provi.

57. Din il-Qorti tqis illi tali periodu għandu jkun ta' **<u>erbgħa xhur mid-data ta' dina s-sentenza</u>**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-referenza kostituzzjonali illi saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fit-12 ta' Novembru 2018 fil-proċeduri 'Il-Pulizija vs Tarcisio Mifsud';

Wara illi rat il-provi prodotti u rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud, kif sanċiti fl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Europea għad-Drittijiet tal-Bniedem, qiegħed jiġu lilu vjolat bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kontra l-istess Tarcisio Mifsud kif fuq aħjar deskritt, u għalhekk;

**Tordna** lill-Avukat Ġenerali w il-Pulizija sabiex, sa mhux aktar tard minn **erbgħa (4) xhur millum**, jagħlqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tarcisio Mifsud" fuq riferita, irrispettivament minn min ikun fadal jixhed jew le skond l-istess Avukat Ġenerali.

Il-Qorti tirrinvija l-atti għall-ġudizzju lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tal-Avukat Ġenerali.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur